# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Talba Nru. 552/2018 JG**
**Numru fuq il-Lista: 8**

**Emanuel Sammut (KI 184641(M)) u Antoinette Sammut (KI 653947(M))**

**Vs**

**Helen Eskander (KI 191370(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2018, permezz ta' liema l-atturi talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta tħallashom l-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) rappreżentanti danni naxxenti minn xogħolijiet kif aħjar deskritt fl-Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni u l-imgħax[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta tal-konvenuta, ppreżentata fit-18 ta'Marzu 2019, tramite liema l-konvenuta eċċepiet li ma kkaġunat l-ebda dannu u li l-ammont pretiż ma kienx wieħed ippruvat[2];

Ra li fil-21 ta' Mejju 2019, it-Tribunal kif preċedentement presedut kien inkariga perit *ex officio*[3];

Ra l-affidavit tal-attriċi Antoinette Sammut u r-ritratti hemm annessi[4];

Ra d-dokumenti ulterjuri eżebiti mill-atturi[5];

Ra r-rapport tal-perit *ex parte* tal-atturi u ċioé l-Perit Colin Zammit[6];

Ra l-ewwel rapport tal-Perit Stephen Farrugia[7];

Ra l-mistoqsijiet in eskussjoni tal-Perit nominat Stephen Farrugia[8];

Ra x-xhieda tal-Perit Stephen Farrugia[9];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, il-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[10].

---

[2] A fol 9.
[3] A fol 11.
[4] Nota relattiva tinsab a fol 13 tal-proċess.
[5] Nota relattiva tinsab a fol 25 tal-proċess.
[6] Nota relattiva tinsab a fol 42 tal-proċess.
[7] A fol 62 *et seq* tal-proċess.
[8] Nota relattiva tinsab a fol 90 tal-proċess.
[9] Magħmula fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2020, a fol 96 tal-proċess.
[10] A fol 99.

Ra l-affidavit tal-konvenuta[11] u dak tal-Perit *ex parte* tagħha Giorgio Schembri[12];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ġunju 2021[13];

Sema' l-kontro-eżami tal-konvenuta u tal-Perit Giorgio Schembri[14];

Sema x-xhieda ta' David R Muscat[15];

Sema l-konvenut jixhed in kontro-eżami[16];

Ra *l-addendum* tar-rapport tal-Perit Stephen Farrugia magħmul minnu stess[17];

Ra wkoll ir-risposti għall-mistoqisijiet tal-istes Perit Stephen Farrugia[18];

Sema lill-Perit Stephen Farrugia jixhed dwar it-tieni sett ta' mistoqsijiet dwar l-*addendum* tar-rapport tiegħu[19];

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[20].

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[11] Nota relattiva tinsab a fol 106 tal-proċess.
[12] A fol 109 tal-proċess.
[13] Dan jibda a fol 157 tal-proċess.
[14] It-tnejn magħmula fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021.
[15] Seduta tat-8 ta' April 2021.
[16] Seduta tal-31 ta' Mejju 2021
[17] A fol 217 tal-proċess.
[18] Dawn reġgħu ġew ippreżentati fit-13 ta' Jannar 2022.
[19] Dan seħħ fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2022. Ix-xhieda tibda a fol 247 tal-proċess.
[20] Hekk kif ordnat fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2022. Traskrizzjoni relattiva tibda a fol 256 tal-proċess.

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, x-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex x-xhieda ma ġietx kollha mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi l-attriċi Antoinette Sammut xehdet permezz t'affidavit[21]. Hawn tispjega li hija u żewġha huma sidien tal-fond 48, Triq l-Imrieħel, Birkirkara u li l-konvenuta hija sid ta' fond ieħor b'appoġġ ma' tagħhom. Tgħid li l-konvenuta bdiet tagħmel xi xogħol tas-sena 2018 li kienu t'entita pjuttosta massiċċa. Tgħid li dawn ix-xogħolijiet bdew f'April 2018 u waqfu ħesrem f'Lulju tal-istess sena. Tgħid li l-fond tagħha sofra diversi ħsarat u li mill-ħajt diviżorju daħal ammont sostanzjali t'ilma. Apparti moffa u l-fatt li swiedu l-ħitan, kien hemm ukoll madum mal-ħajt tal-appoġġ maqsum u mkisser. Hija qabdet lill-perit Colin Zammit sabiex jirrelata dwar dan. Għid ukoll li l-konvenut lanqas kienet għamnel pre-condition report. Sa fejn ġiet infurmata hi, il-konvenuta lanqas kelha permess tal-iżvillup. Tispjega li l-problema eskalat u kellha tagħmel rapport mal-Pulizija. Il-konvenuta baqgħet m'għamlet xejn fir-rigware ta' xogħol riparatorju u għalhekk inbdiet din il-kawża.

Illi ma sar l-ebda kontro-eżami lill-attriċi.

Illi l-Perit Colin Zammit ikkonferma bil-ġurament rapport magħmul minnu[22]. Hawn jgħid li huwa ċar li d-dannu seħħ mix-xogħol magħmul mill-konvenut. Hu

[21] Dan jinsab a fol 14 tal-proċess.
[22] Permezz t'affidavit a fol 42 tal-proċess.

jagħti stima ta' bejn elf u elfejn Ewro sabiex isir ix-xogħol rimedjali. Irid jingħad li dan ir-rapport huwa datat 16 ta' Mejju 2019 (wara l-intavolar ta' dawn il-proċeduri).

Illi ma sar l-ebda kontro-eżami lil dan ix-xhud.

Illi kif ġie mfisser aktar qabel fl-ewwel parti ta' din is-sentenza, dan it-Tribunal kif preċedentmenet presedut kien ħatar lill-Perit Stephen Farugia sabiex jirrelata dwar l-aspetti tekniċi ta' dan il-każ. Permezz ta' l-ewwel rapport tiegħu datat 26 ta' Novembru 2019[23] huwa spjega kif inħabba x-xogħolijiet kienet ġiet krejata *entry point* t'ilma tax-xita. Kien dan li wassal għall-ħsarat in kwistjoni. Qal li wieħed jista jassumi li x-xogħol ma kienx kopert bil-permessi neċessarji. Jgħid li meta wieħed iqabbel il-pjanti tal-fondi wieħed jista' jifhem li l-ħsarat ġew ikkaġunati minn dan ix-xogħol. Jagħlaq billi jgħid li s-somma ta' elfejn Ewro bħala danni hija waħda ġusta u xierqa.

Illi b'xhieda ulterjuri tiegħu, mistoqsi mill-atturi[24] jikkonferma lill-ħsara qiegħda tikber u li l-entry point qiegħda fi propjeta tal-konvenuta.

Illi bi tweġiba għall-mistoqsijiet[25] prattikament jerġa jikkonferma r-rapport tiegħu.

Illi fir-rapport addizjonali[26] jikkonferma li kien hemm żieda fid-dannu u li l-*point of entry* kienu għadhom preżenti. Finalment, mistoqsi dwar dan it-tieni rapport

[23] Dawnn jinsab a fol 62 tal-proċess filwqt li r-riposti jinsabu a fol 199 tal-proċess.
[24] Xhieda magħmula fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2020
[25] Dawn ġew magħmula permezz ta' nota li tinsab a fol 90 tal-proċess.
[26] Magħmul wara li dan it-Tribunal ġie infurmat li kien sar xi xogħol rimedjali. Dan ir-rapport jinsab a fol 217 tal-proċess.

jikkonferma li sar xi xogħol minimu fil-konvenuta bejn l-ewwel u t-tieni rapport iżda dan ma kienx biżżejjed u ma eliminax il-problema.

Illi l-konvenuta xehdet inizjalment permezz t'affidavit[27]. Hawn tispjega li hija l-propjetarja tal-fond 52, Mary, Triq l-Imreħel Birkikara. Tgħid li fis-sena 2017 hija riedet tagħmel xi tibdiliet f'dan il-fond. Qalet li kellmet lill-perit u dan qalilha li sakemm titlesta d-dokumentazzjoni neċessarja hija setgħet tibda b'xogħol żgir. Tgħid li f'April 2018 hija qabdet xi ħaddiema u beda x-xogħol intern li skond hi ma jaffetwax lill-atturi. F'Awwissu 2018 il-pjanti kienu lesti u għalhekk waqfet minn dan ix-xogħol sabiex jinħareġ il-permess. Tgħid li bix-xogħolijiet imwaqqfa hija xorta baqgħet tgħidx fl-istess fond. F'Marzu tas-sena 2019 hija irċeviet dawn il-proċeduri u minn hemmhekk marret għand avukat. Tgħid li hija ssorprendiet ruħha għaliex l-atturi qatt ma kellmuha dwar dan. Tgħid li l-perit tagħha kien qalilha li dan ix-xogħol ma setax ikkawża dannu lill-atturi. Nel frattemp ħarġu l-permessi kollha u sal-kitba tal-affidavit hija ma eżegwitx ix-xogħol minħabba din il-kawża.

Illi in kontro-eżami[28] għalkemm tipprova taħrab mill-mistoqsijiet, tikkonferma li kienet għamlet xi xogħol qabel ma nħareġ il-permess. Bħala eżempju tgħid li kabbret jew fetħet tieqa f'dan iż-żmien. Fuq mistoqsijiet tat-Tribunal tispjega li kienet waqqgħet *shed*, fetħet bieb, lestiet travu u xi xogħol ieħor għalkemm skavar m'għamlitx. Dan qabel ma ħareġ il-permess. Tinnega li rċiviet xi korrispondenza mill-atturi. Għalkemm ma tafx l-għodda li ntużat, tikkonferma li kienet tkun preżenti waqt ix-xogħolijiet. Imbagħad tikkonferma li kien hemm tkissir. In ri-eżami magħmul fl-istess seduta tgħid li xi xogħol li sar ma kienx mal-appoġġ. Ma tafx tgħid li jekk per eżempju it-taraġ tneħħiex bil-jigger.

[27] Dan jibda a fol 107 tal-proċess.
[28] Magħmul fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021 u li jibda a fol 173 tal-proċess.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll il-Perit *ex parte* tal-konvenuta, Giorgio Schembri, inizjalment permezz t'affidavit[29]. Hawn jikkonferma rapport peritali mħejji minnu fis-sena 2020 (u allura sentejn wara li bdew dawn il-proċeduri). Hu ma jaqbilx mar-rapport tal-Perit nominat mit-Tribunal. Jikkonferma li inizjalment, sakemm ħareġ il-permess kien hu stess li qal lill-konvenuta li hija setgħet tibda b'xogħol żgħir. Fil-verità fir-rapport magħmul minnu, jikkonferma li forma ta' ħsara hemm iżda aktar jikkonċentra fuq l-ammont indikat. Jagħlaq billi jissuġġerixxi tieni aċċess fejn *ad letteram* jgħid hekk *"Moreover in light if (recte: of) these damages, the ammont of Euro 2,000.00 excluding the VAT cannot be justified. Therefore a proper estamte of costs is being suggested which will eventually end up with a lesser amount"*. In oltre, permezz ta' korrispondenza elettronika datata 10 ta' Novembru 2020[30] jirriżulta li sar xogħol appożitu sabiex jitnaqqas l-ingress tal-ilma.

Illi in kontro-eżami[31], jikkonferma li kien hemm xi toqob li kellhom jiġu mimlija. Jikkonferma li mal-affidavit ma reġax sar rapport. Jikkonferma li skavar ma sarx pero jikkonferma wkoll li sar tksiir għalkemm ma jistax jgħid fliema post. Jikkonferma lit-taraġ tkisser b'xi jigger. Ma ġiex ingaġġat biex jagħmel *pre-conditioning report*. In ri-eżami ma setax jikkonferma il-lokazzjoni tat-taraġ fir-rigward tal-kamra tal-banju. Jeskludi li saret ħsara bil-jigger. Pero dan jiddependi fuq liema jigger intuża. Fuq insistenza tat-Tribunal jgħid li jekk intuża jigger ta' ċertu kobor, dan seta wassal għal din it-tip ta' ħsara.

---

[29] Dan jibda a fol 109 tal-proċess.
[30] Eżebita mill-konvenuta stess u tinsab a fol 145 tal-proċess.
[31] Magħmul fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021.

Illi magħmul dan ir-riassunt, it-Tribunal iqis li l-artikoli rilevanti għal każ in deżamina huwa dawk emerġenti mill-artikoli 1031[32] u 1032(1)[33] tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa primarjament permezz ta' dawn li trid tinstab soluzzjoni għall-preżenti litiġju.

Illi in vena ġurisprudenzjali jingħad li kull minn jagħmel użu minn dritt tiegħu għandu jutilizza l-istess fil-limiti ġusti[34]. Propjetarju, jista' jagħmel liberalment modifiki fil-fond tiegħu, basta ma jaggravax jew jiddanneġġja l-propjetà tal-ġar[35]. Ukoll, sid ta' propjetà jwieġeb għal ħsara hekk ikkawżat fil-propjetà tal-viċin[36]. Dan l-obbligu, f'każ li hekk jinstab, jagħti possibbilment lok għal-proċeduri mis-sid kontra t-terz[37].

---

[32] L-artikolu jgħid hekk: *Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

[33] L-artikolu jgħid hekk: *Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

[34] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel u Lucy konjugi Mifsud vs Victor Camilleri**, (App Ċiv Nru: 1918/1996/1, mogħtija finalment mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Diċembru 2004, l-Ewwel Qorti, kienet ċċitat minn-sentenza preċedenti li qalet hekk: *"Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu".* Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Micallef noe vs Nazzarena Muscat et,** (Ċit Nru: 679/1994/1), deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003 fejn ġie ritenut li: *Kif rispekkjat fid-dicizjoni fl-ismijiet "Gio Maria Calleja -vs Gaetana Debono et", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' Jannar 1950 (Vol. XXXIV P II p 446), "huwa fatt li kwalunkwe persuna tista' tuza mid-dritt tal-proprjeta` taghha illimitatament; imma fl-istess hin limitatament ghad-drittijiet li ghandu haddiehor; u meta persuna tuża illimitatament mid-dritt ta' proprjeta` taghha, hija trid tiehu l-prekawzjoni li b'dak l-uzu ma tkunx titnissel kawza ta' dannu lil haddiehor; l-ghaliex il-principju 'nullo videtur dolo facere qui suo jure utitur' (Gaius, L. 55 De Regulis Juris), li jissanzjona li l-ezercizzju tad-dritt ta' persuna ma huwx suggett ghall-ebda restrizzjoni, isib il-limiti tieghu fil-fatt talbniedem jew id-disposizzjoni tal-ligi."; L-artikolu tal-ligi fuq riferit jahseb proprju ghal din issitwazzjoni tant li l-oggett u skop tieghu hu dak li jiġi mpedut lill-vicini li jikkagunaw dannu lil xulxin;*

[35] Hija ripetutament iċċitata s-sentenza fl-ismijiet **Bugeja vs Washington**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Mejju 1897, fejn din kienet enunċjat is-segwenti: *"Il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farsi le modificazioni che crede convenienti cessa la ove si reca grave molestia al vicino".*

[36] Fis-sentenza fl-ismijiet **Captur vs Borg,** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1993 intqal *"kull min, b'xoghol konness ma kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin, jirrispondi ghad-danni".*

[37] Fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Brincat *et* vs Salina Estates Limited *et*,** (App Ċiv Nru: 510/1999/1), mogħtija mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-25 ta' Frar 2004 intqal hekk:

Illi għandu jkun indiskuss li l-atturi qiegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq il-ħtija akwiljana da parti tal-konvenuta. Għalhekk, sabiex tirnexxi azzjoni bħal din irid jintwera l-ewwel u qabel kollox li ġġarbet ħsara u li din kienet tort (li jista jkun wieħed kemm attiv kif ukoll passiv[38]) tal-konvenuta[39]. Din ir-rabta ta' kawżalita' bejn l-egħmil (jew l-omissjoni) tal-parti u l-effetti mġarrba hija s-sies t'azzjoni ta' dan it-tip.

Illi xogħol it-Tribunal allura huwa li jassimilja l-fatti hawn fuq miġbura lejn dawn il-prinċipji.

Illi għalhekk qabel kollox irid jintwera li kien hemm ħsara. Issa fuq hekk, dan it-Tribunal iqis li ħsara kien hemm u dan minħabba s-segwenti.

Illi jrid jingħad, kif diġa ġie indikat hawn fuq, li f'dawn il-proċeduri, minħabba l-aspett tekniku, ġie nominat perit mit-Tribunal kif preċedentement presedut, anke jekk skond l-artikolu 9(2)(ċ) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-

---

*"Hu, del resto, pacifiku, u dan minn zmien sekolari, illi "non puo un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri; contro questi compotrebbe tutto al piu` un diritto si rivalsa" – "Borg –vs- Falzon" a Vol III pagna 16".*

[38] Fl-opra tiegħu **Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile**, il-ġurist Francesco Ricci jgħid hekk: *La colpa ha un significato abbastanza esteso, e tale che non puó non comprendere la negliġenza e l'imprudenza eziandio; e difatti noi diciame che chi é negligente o imprudente é in colpa, dappoiché avrebbe dovuto usare maggiore diligenza, od essere un poco piú accorto ed avveduto.* Imbagħad fl-istess paragrafu jkompli jamplifika hekk: *Dunque la colpa, che genera resonsabilitá civile, non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto o trascuro di far ció che avredi dovuto fare.* – UTET, 1923, III edizzjoni, Vol VII, para 85 a fol 113.

[39] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et**, (Ċit Numru 886/1993/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fejn intqal hekk: *"Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil iżda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali"*

Tribunal għandu jiddeżisti minn tali nomini. Dan il-Perit, li saħansitra għamel żewġ rapport u kien ukoll mistoqsi in eksussjoni darbtejn, wara żewġ aċċessi jibqa jikkonferma li kien hemm ħsara u li din ġejja mill-propjetá tal-konvenuta.

Illi huwa ben risaput li f'materja bħal din allura, awtorità ġudikanti għalkemm m'hijiex marbuta li tilqa' b'għajnejha magħluqa[40] r-rapport magħmul minn espert tekniku[41], fl-istess nifs rapport simili ma jistax jiġi skartat leġġerment[42]. Għal dan it-Tribunal forma ta' ħsara ġiet ben ippruvata kemm mir-rapport tal-perit u kif ukoll mit-testimonjanza tal-attriċi, li fuq dan l-aspett ma ġietx kontradetta. Għalkemm il-konvenuta xehdet b'mod ġenerali, tonqos kemm il-darba milli tagħti xhieda rilevanti. Fil-fatt l-eżami tagħha ftit kien t'għajnuna għaliha. Imbagħad, dan it-Tribunal kellu l-fakulta' li jara l-komportament tagħha fuq il-pedana tax-xhieda waqt li kien qiegħed isirilha l-kontro-eżami[43]. Anke qari tal-

---

[40] Dan in omaġġ tal-massima *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam.*

[41] Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu peró jrid jinqara fid-dawl ta' ġurisprudenza kostanti li awtorità ġudizzjarji m'għandhix tiddipartixxi minn tali rapport b'mod kappriċċuż. Ċelebri fost din il-linja ta' ħsieb hija s-sentenza fl-ismijiet **Geswarda Bugeja et vs Emanuele Muscat et,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 1967.

[42] Fuq din it-tematika wieħed huwa mistieden jara l-ġabra ġurisprudenzjali rakkolta fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Pisani et vs Adam Bartolo** (Rik Ġur Nru: 13/06 JZM), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2016, per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon (mhux appellata).

[43] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-*

istess juri biċ-ċar li l-istess konvenuta għamlet minn kollox biex ma twieġibx mistoqsijiet faċli u kien biss wara ħafna ssikar li spiċċat tgħid il-verżjoni korretta tagħha. Huwa diffiċli jitwemmen bniedem li f'mument wieħed ma jifitakarx, mument wara jgħid ħaġa oħra imbagħad, minuta wara jew jerġa jbiddel id-diskors jew rinfaċċjat b'mistoqsija diretta tat-Tribunal ma jkollux għażla ħlief jirrispondi. Eżami tal-kontro-eżami tagħha huwa manifestazzjoni ta' bniedma li ma kienitx sinċiera, jekk mhux wara ħafna ssikkar.

Illi peró, dan il-fatt waħdu, naturalment, ma jfissirx li l-istanza attriċi b'hekk irnexxiet. Kif diġa ingħad, huwa n-ness ta' kawżalita' li jrid jiġi pruvat[44]. Dan, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, kellu jiġi pruvat mill-atturi. Għal dan it-Tribunal, din il-prova seħħet. It-tempisitka u n-natura tax-xogħolijiet magħmula minnha (dawk mingħajr ma nħareġ il-permess) u dak lamentat mill-atturi jikkombaċja perfettament.

Illi huwa minnu lit-Tribunal ngħata wkoll żewġ rapporti peritali *ex parte* tal-kontendenti. Iżda, filwaqt li m'huwiex qiegħed jiskarthom totalment, qiegħed joqgħod prinċipalment fuq ir-rapport, *l-addendum* u r-risposti in eksussjoni tal-Perit Tekniku mbaqqda minn dan it-Tribunal kif preċedentement presedut. Ma nġabet, fil-fehma tat-Tribunal, l-ebda prova teknika *in materja* li xxejjen dak

---

*decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda".* Dwar dan, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited vs Paul Borg,** (App Ċiv Nru: 1284/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2015.

[44] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Paul Laferla vs Comm. Edward Palmier noe**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta` Dicembru 1967, liema sentenza hija ripetutament ċitata b'approvazzjoni. F'dik is-sentenza intqal hekk: *"Illi n-ness ta` kawzalita` hu fic-centru tal-problema tar-responsabbilita` civili, minghajr il-htiega f` dan ir-rigward (mhux biss fid-dottrina moderna talobbligazzjonijiet imma anki fil-logika) ta` distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik extra kontrattwali. Il-fatt additat bhala kawza tad-dannu jridu ikun il-kawzageneratrici tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera f` ness ta` kawzalita` mal-fatt kolpuz li fuqu tkun bazata domanda ghar-rizarciment."*

hemm relatat u huwa ben aċċettat li f'każ ta' diverġenza bejn rapport *ex parte* u dak magħmul minn perit nominat, awtorità ġudizzjarja għandha toqgħod fuq dan ta' l-aħħar[45]. Anzi, minn qari tal-kontro-eżami tal-perit tal-konvenuta (inkluż il-korrispondenza tiegħu lill-avukat tagħha) huwa ċar għal dan it-Tribunal li din il-ħsara seħħet b'dawn ix-xogħlijiet.

Illi għalhekk in-ness ta' kawżalitá ġie ppruvat.

Illi jifdal issa l-element ta' kwantifikazzjoni. Hawnhekk it-Tribunal iħoss il-ħtieġa li jissofferma ruħu momentarjament sabiex jispjega, anke jekk b'mod konċiż, aspetti partikolari li jolqtu lil dan it-Tribunal speċjali.

Illi għandu jkun indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakultá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[46]. Issa, d-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[47]. Min-naħa l-oħra mbgħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċita f'dak li huwa ġudizzju[48].

Illi dwar dan l-aħħar punt, huwa minnu li l-valutazzjoni ekwitattiva m'hijiex tal-istess xorta ta' dik l-ekwitá kontemplata skond il-liġi speċjali li tirregola dan it-Tribunal, madanakollu, t-Tribunal jrid jagħmilha ċara li dan il-kejl sejjer issa jiġi

---

[45] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Attard vs Carmelo D'Amato,** (App Ċiv Nru: 471/1987/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-22 ta' Ottubru 2002.
[46] Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.
[47] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.
[48] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assocjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

utilizzat biss ai fini ta' kwantifikazzjoni tad-danni[49]. It-Tribunal huwa konxju li jista' jagħmel dan *ex aequoe et bono*[50] u dan ukoll bl-effet tal-massima *arbitrium boni viri.*

Illi bl-istess mod li dan it-Tribunal m'huwiex qiegħed jiddipartixxi mill-konklużjoi tal-Perit Farrugia f'dak li għandu x'jaqsam ma dak li ta' lok għal dan id-dannu, m'huwiex sejjer ibiddel il-fehma tiegħu dwar l-ammont minnu indikat. Dan jikkombaċja wkoll ma dak mitlub mill-atturi (għad li sakemm sejra tingħata din is-sentenza, minħabba dilungar f'dawn il-proċeduri, il-problema x'aktarx kibret).

Illi t-Tribunal diġa fisser li l-ammont indikat mill-perit huwa wieħed raġonevoli u jagħmel tajjeb għal-ħsara riskontrata u pruvata[51]. Huwa minnu li l-Perit tekniku

---

[49] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u talpregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

[50] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Charles Attard vs Carmela Frendo,** (523/1983/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Jannar 2003.

[51] L-awturi Baudry-Lacantineri u Barde, fl-opra tagħhom **Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile** jgħidu hekk *"Il risarcimento dei danni, qualunque sia la loro fonte, deve mettere colui che ha diritto alla riparazione nella situazione in cui si sarebbe trovato se non avesse subito ii pregiudizio. Essa deve dunque, verificandosi ii caso, comprendere i due elementi.' la perdita subita, damnum emergens, e il lucro mancato, lucrum cessans"* – CASA EDITRICE DOTTOR FRANCESCO VALLARDI, Delle Obbligazioni, Vol 1, para 448, a fol 497. F'dan is-sens ukoll issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Agency Limited noe et vs. Martin**

żied jgħid li parti minn dan l-ammont huwa t'inkonvenjent[52], iżda dan it-Tribunal fehem li l-kelma 'inkonvenjent' fir-rapport trid tinqara fid-dawl tal-fatt li din tagħmel riferiment għall-aġir tal-konvenuta li wieħed jista' jqis li jmur lil hinn minn dak permess u tollerabbli fil-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-*buon vicinat*. In fatti, dan it-Tribunal diġa stabbilixxa li l-azzjoni tal-konvenuta ikkaġunat dannu u ħsara[53].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' it-Talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) bl-imgħax legali mit-28 ta' Novembru 2018[54] sad-data tal-pagament effettiv u finali.

---

**Saliba,** (Ċit Nru: 588/2000) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Mejju 2001 u għall-ġurisprudenza hemmhekk ċitata.

[52] Dan jista anke jieħu s-sura ta' *immissio in alienum* – Immissione nel fondo altrui - Brocardo 2005 – **Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII ed, fol 198.

[53] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Charles Grima *noe* vs John Caruana,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Ottubru 1999 fejn intqal li *"Taqbel li t-temporanjetá tal-inkonvenjent gravi hu fattur li jista jinċidi fuq il-grad ta' tolleranza li għandu jkun hemm għalih. Dan peró ma jfissirx li jekk l-inkonvenjent gravi kien ta' natura temporanja, allura min ikun soġġett għalih kellu neċessarjament u dejjem ibati, ikun x'ikunu ċ-ċirkostanzi. Certament hadd ma hu ezenti li jaghmel uzu tal-jedd tieghu bil-qies li jmiss u jekk hekk ma jaghmilx, kellu jinzamm responsabbli ghall-konsegwenzi u kellu jirrispondi ghall-hsara li tigri b` tali abbuz. Il-ligi fl-artikolu 1030 tal-Kodici Civili ma tiddistingwix bejn jekk l-uzu ta` jedd ikunx ezercitat kostantement jew f` terminu ta` zmien limitat. Il-kriterju jibqa` wiehed u uniformi, dak il-jedd jigi uzat bil-qies. Jekk ma jigix hekk uzat, hu x` inhu t-tul ta` zmien, min jabbuza fl-ezercizzju tal-jedd irid jirrispondi ghal ghemilu. Dan naturalment ma jfissirx illi l-gar jista` joggezzjona ghal kull inkonvenjent gravi anke meta dan ikun temporanju u jkun inerenti max-xoghol ta` zvilupp tal-proprjeta` u max-xorta u n-natura tal-kostruzzjoni illi jkun jehtieg li jaghmel il-vicin. Il-principju stabbilit illi lproprjetarju kellu d-dritt li jizviluppa l-proprejta` tieghu u li l-gar kellu jissaporti linkonvenjent, sakemm dan isir, jibqa` salv, b` dan pero` illi l-proprjetarju jew ilkuntrattur minnu inkarigat ma setghax jeccedi l-qies illi testigi l-ligi u jikkaguna inkonvenjent gravi li ma kienx normalment mistenni minnu. Hu dan l-eccess tal-qies li kien censurabbli u li ghalih l-appellant ghandu jirrispondi.*

[54] Data tal-preżentata tat-Talba odjerna. Filwaqt li t-Tribunal huwa konxju tal-prinċipju in *illiquidis non fit mora*, madanakollu wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Galea et vs Emanuel Fenech**, (Ċit Nru 1718/2000/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili per Onor Imħallef Joseph R Micallef, fis-16 ta' Jannar 2003. In oltre, għalkemm dan l-ammont qiegħed jingħata fil-forma ta' danni, dan l-ammont ġie speċifikat fl-Avviż u għalhekk, fil-fehma ta' dan it-Tribunal huwa applikabbli dak li jrid l-artikolu 1141(2) tal-

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-sejħa magħmula f'dak l-att kienet talba għal-ammont speċifiku.